# MATTIA PRETI U ANTOINE de FAVRAY

## Żewġ Artisti Barranin marbutin ma' Malta u mal-Floriana

*kitba ta' Joseph R. Gatt*

Mattia Preti u Antoine de Favray huma żewġ artisti-pitturi ta' fama kbira, l-ewwel wieħed hu Taljan u l-ieħor Franċiż, li b'xogħlijiethom rabtu isimhom sewwa ma' bliet u rħula Maltin. Il-Floriana gawdiet mit-talent tagħhom u għandha xogħlijiet tagħhom kemm fil-knisja ta' Sarria kif ukoll fil-Kappella ta' San Kalċidonju fil-Kurja ta' l-Arċisqof.



MATTIA PRETI 1613 - 1699

### MATTIA PRETI 1613 - 1699

Mattia Preti, magħruf bħala 'il Calabrese" hu wieħed mill-aqwa pitturi-artisti Taljani tas-seklu XVII. Huwa twieled f'Taverna (Calabria) fl-24 ta' Frar 1613 u miet f'Malta fit-3 ta' Jannar 1699, fid-dar tiegħu numru 10 (illum ma għadhiex teżisti) fi Triq San Patrizju, il-Belt, ftit jiem biss wara li għamel it-testment fit-28 ta' Diċembru 1698. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu midfuna fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, fin-nava ta' quddiem id-daħla tas-sagristija. Fra Camillu Albertini, prijur ta' Barletta, ħabib tal-qalb tiegħu, qiegħed lapida fuq qabru biex tfakkar lil dan il-pittur. Billi f'nofs is-seklu 19 kien sar tibdil ta' xi lapidi minn posthom biex joħolqu simetrija, kien qam dubju jekk kienx tassew midfun hemm. Fl-1962, għeluq it-302 sena mill-miġja tiegħu f'Malta, kien ġie maqlugħ minn qabru. Biex jitfakkar dan tqiegħdet lapida mal-pilastru tal-lemin qrib qabru. Tajjeb li nfakkru li fi żmien l-imxija tal-pesta ta' l-1675-1676 Preti mar joqgħod iż-Żurrieq, f'dar numru 4 fi Triq il-Warda, flimkien mal-Bottega fejn kien jaħdem.

### TAĦRIĠ

L-ewwel studji tiegħu kienu magħrufin mill-Mons. Marcello Anania, l-Arċipriet tal-Knisja ta' Santa Barbara f'Taverna. Dan nissel fih edukazzjoni kbira li baqgħet fih tul ħajtu u fix-xogħlijiet tiegħu kollha. Ta' 17-il sena, telaq minn Taverna għal Napli imma wara tela' Ruma fil-bottega ta' ħuh il-kbir Gregorio li miegħu ħa l-ewwel tagħlim fid-disinn u fil-pittura. Hawn iltaqa' ma' l-aqwa xogħlijiet ta' artisti kbar kemm ta' żmienu u ta' qablu. Fl-1639 mar Centou hemm sar jaf lil Guercino. Wara li temm l-istudji tiegħu f'Cento, mar Parma, Modena, Venezja u Lombardija fejn dejjem tħarreġ fix-xogħlijiet ta' Lanfranco, Domenichino, Tiziano, Correggio, Veronese u oħrajn; kollha artisti kbar. Fl-1641 ġie milqugħ fl-Ordni Sovran ta' San Ġwann bħala kavallier u sena wara tlibbes il-libsa u s-salib tat-tmien ponot f'Ruma.

### ĦIDMIETU FOSTNA

Ġie Malta fl-1662 u sar il-pittur uffiċjali ta' l-Ordni li b'fortuna lejna ħadem għal kważi 40 sena suġġetti reliġjużi, b'disinji u kompożizzjonijiet tajbin b'ilwien ħelwin. Għex fostna għal żmien twil u kif għedna l-fdalijiet tiegħu baqgħu fostna. Bla dubju ta' xejn, l-akbar biċċa xogħol tiegħu hija l-pittura tas-saqaf troll tal-korsija tal-knisja Konventwali ta' l-Ordni; illum il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, li hu monu

ment kollu kemm hu. Bejn is-sitt spazji ta' l-arkati tas-saqaf, pitter dirett fuq il-ġebla, episodji mill-ħajja ta' San Ġwann. Dam ipittru ħames snin u bla ħlas. Hawn wera ħiltu fid-disinn, fil-kompożizzjoni, proporzjon u l-kulur. Pitter ukoll diversi kwadri titulari għall-altari tagħha, waqt li għall-oratorju fost oħrajn, pitter waqtiet mill-Passjoni ta' Ġesù Kristu. Fil-Belt insibu xogħlijiet oħra f'bosta knejjes u fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti.

## ĦIDMIET OĦRA F'MALTA

Minn fost il-ħafna xogħlijiet li ħarġu mill-pinzell ta' Preti nsemmu biss uħud mill-kwadri titulari. Dawn narawhom fil-knisja parrokkjali fil-Birgu, il-Martirju ta' San Lawrenz u fil-knisja tas-Sorijiet ta' Santa Skolastika l-Madonna mal-qaddisin. Fil-Katidral ta' l-Imdina għandna l-Konverżjoni ta' San Pawl; il-kwadri titulari nsibuhom f'Ħal Lija, it-Trasfigurazzjoni; fis-Siġġiewi, San Nikola ta' Bari; fiż-Żurrieq, il-Martirju ta' Santa Katarina u f'Ħal Luqa naraw Sant' Andrija u ieħor tat-tlugħ tal-Madonna fis-sema. Għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi pitter il-Martirju ta' San Ġorġ u għall-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria Għawdex pinġieh fuq iż-żiemel. Il-lista ta' xogħlijietu hija twila sew, imma f'din il-kitba lilna jinteressawna dawk li jinsabu fil-Floriana.

## FLORIANA - IL-KNISJA TA' SARRIA

Din il-knisja żgħira u storika, iddedikata lil Marija Immakulata, imma aktar magħrufa fostna b'ta' Sarria, kienet inbniet b'wegħda mill-Kunsill ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann għall-ħelsien tal-pesta 1675-76, bit-titular xogħol ta' l-istess Preti. L-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet mill-Granmastru Nicola Cottoner (1663-1689) fit-8 ta' Diċembru 1676, flok il-knisja l-qadima li kien bena, (snin qabel) il-Kavallier Fra Martino de Sarria Navarro, fi żmien il-G.M. Hughes Loubenx de Verdala (1582-1595). Il-mudell tagħha, f'għamla ta' Rotunda, kien għamlu Mattia Preti stess. Minn litografija li turina l-akkompjament tal-funeral ta' l-Ammirall Venezjan Angelo Emo, li miet fl-1792, ħiereġ minn knisja, naraw sewwa kif kienet bil-lanterna biex idawwalha. Il-lanterna kienet iġġarrfet f'maltempata fil-bidu tas-seklu dsatax u qatt ma reġgħet ittellgħet. Għaliha Preti kien pitter il-kwadri kollha li naraw u li ser nitkellmu dwarhom. Il-knisja għandha altar wieħed u fil-prospettiva tiegħu, imnaqqxa fil-ġebla, naraw ħames anġli jikxfu purtiera kbira biex juruna pittura kbira; pittura fuq it-tila, li tirrappreżenta lil Marija Immakulata bis-simboli kollha tagħha, rebbieħa fuq ix-xitan u l-marda qerrieda tal-pesta ta' l-1675-1676. Narawha b'anġlu fuq il-ġnub tagħha; wieħed qed idaħħal ix-xabla fil-għant tagħha u l-ieħor qed jaqsam is-sejf fuq irkobbtejh b'sinjal li l-pesta



San Bastjan fil-Knisja ta' Sarria

għaddiet. Fil-parti t'isfel naraw xi vittmi mfejqa mill-pesta. Il-kwadru ħallsu l-Granmastru Nicola Cotoner. Bejn it-tmien pilastri naraw erba' kwadri ta' erba' qaddisin protetturi kontra l-mard tal-pesta. Dawn huma:- San Sebastjan, San Rokku, Santa Rożalija u San Nikola ta' Bari. Iż-żewġ lunetti ta' fuq il-bibien tal-ġnub juruna pittura allegorika: l-Arkanġlu San Mikiel bit-tarka f'idu x-xellugija u fl-oħra xabla, kif ukoll anġli oħra jippuntaw l-arma fuq id-dimonji jaħarbu. Il-pittura ta' biswitha (lemin) naraw lil San Ġwann Battista, il-Protettur ta' l-Ordni qed jagħti l-labtu; anġlu bl-istandard tar-Reliġjon; liebsa l-elmu u korazza bl-istemma tal-G.M. Cotoner, żiemel. Erba' kitbiet bil-Latin; tlieta mill-iskrittura u l-oħra ta' tifkira tal-bini tal-knisja tal-lum MDCLXXVII (1677). Ħafna jiftakru li Sarria serviet ta' Parroċċa bejn 1942-1944 wara li l-knisja parrokkjali ġġarrfet fil-gwerra, f'April 1942. Tajjeb ukoll li ngħidu li bejn 2004-2007 sar restawr tal-ġebla ta' barra. B'turija ta' apprezzament ta' ħidmietu u għas-sehem kbir li ta fil-qasam ta' l-arti fostna, tliet toroq issemmew għalih; waħda fis-Siġġiewi, l-oħrajn fil-Għargħur u fir-Rabat Għawdex. Għandna wkoll żewġ imsieraħ, wieħed fil-belt Valletta u ieħor fiż-Żurrieq; waqt li fil-Birgu nsibu 'Wesgħa Mattia Preti'.

## ANTOINE de FAVRAY 1706 - 1798

Il-pittur l-ieħor, Antoine de Favray twieled seba' snin wara l-mewt ta' Mattia Preti, fit-8 ta' Settembru 1706 f'Bagnolet f'Pariġi fi Franza. Meta l-*atellie* Jean Francois de Troy (1679-1752) inħatar Diretrru ta' l-*Academie de France* f'Ruma fl-1738, ħadu bħala l-

alliev personali tiegħu. Hawn, Antoine ġa kellu fuq it-tletin sena u diġa' kellu xi esperjenza fil-pittura, iżda ma nafux sewwa fejn studja u min għallmu. Baqa' miegħu għal sitt snin u kien influwenzat ħafna mix-xogħlijiet tiegħu u mill-arti Rumana. Ġie Malta fl-1744. B'digriet tal-Papa Benedittu XIV il-Gran Mastru Emanuel Pinto, fl-1751, laqgħu bħala Kavallier fil-lingwa ta' Franza u beda jservi fl-isptar ta' l-Ordni mmexxi mill-kavallieri Franċiżi. Fl-1761 mar Kosantinopli fit-Turkija, imma wara għaxar snin reġa' lura. Favray miet fil-Belt Valletta fid-9 ta' Frar 1798, ftit xhur qabel it-tmiem tal-Kavallieri ta' San Ġwann minn Malta bil-wasla tal-Franċiżi fostna f'Ġunju 1798. Kellu 92 sena u bħala Kavallier ta' l-Ordni ġie midfun fil-knisja Konventwali. Imma ebda lapida ma hemm biex tfakkar lil dan il-pittur-kavallier.

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TA' MANRESA

Din il-kappella, magħrufa wkoll b'dik ta' San Kalċidonju għax fiha hemm meqjuma fil-mensa ta' l-altar, il-fdalijiet ta' dan il-qaddis, tinsab fil-Kurja Arċiveskovili tal-lum, fil-Floriana. Kienet inbniet flimkien mad-Dar ta' l-Irtiri bejn 1743-1750 u kien ħallas għaliha Don Pedro Infante. Berikha l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757) fis-16 ta' Marzu 1751 u l-Isqof Vincenzo Labini (1780-1807) ikkonsagraha fit-23 ta' Lulju 1786. Lapida tfakkar din il-konsagrazzjoni.



**Il-kwadru titulari fil-Kappella ta' Manresa**

## IL-PITTURA TIEGĦU

Għal din il-kappella, Favray (1706-1798) kien pitter il-kwadri kollha li jinsabu fuq il-ħames altari u t-tnejn ta' fuq il-bibien tal-ġnub. Kien pittirhom fl-ewwel snin tiegħu f'Malta. Il-kwadru prinċipali jirrappreżenta lill-Madonna bil-Bambin u lil San Injazju fil-Grotta ta' Manresa, jikteb l-eżerċizzi Spiritwali (tiegħu) fl-1522. Fil-kwadri l-oħra ta' fuq iż-żewġ altari tan-naħa tal-lemin naraw: il-mewt ta' San Ġużepp assistit minn Ġesù u Marija; u l-Anġlu Kustodju. Fuq it-tnejn l-oħra tax-xellug għandna: lil San Ġwann Battista ma' San Pawl; u l-mewt ta' San Franġisk Saverju f'Sancian fl-1552 (ritratt isfel xellug). Il-kwadri ovali ta' fuq il-bibien tal-ġnub juruna żewġ episodji minn ħajjet San Injazju; wieħed San Injazju midrub waqt l-Assedju ta' Pamplona fl-1521 u d-dehra li kellu ta' San Pietru; fl-ieħor naraw lil San Injazju jibdel ħwejġu ma' ta' wieħed fqir.

## KAPPELLA OĦRA

Din il-kappella żgħira f'għamla ottogonali tinsab fis-seminarju l-qadim ta' l-iMdina, illum il-Mużew tal-Katidral. L-Isqof Paolo de Bussan qiegħed l-ewwel ġebla fl-1733 u ġie inawgurat f'Mejju 1744. Hawn Favray pitter il-ħames kwadri tagħha fl-1749. Dawn huma: il-kwadru titulari tat-Tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel lil Marija li kellha ssir Omm Alla, San Pawl, San Franġis de Sales, San Karlu Borromeo u San Pietru.

Hawn tajjeb li nsemmu ftit mix-xogħlijiet oħra tiegħu. Fil-kappella tas-Sagrament fil-knisja ta' San Pawl, il-Belt:- L-Aħħar Ikla (1746); Qalb ta' Ġesù; Abram u Melkisedek; San Elija u fis-sagristija naraw kwadru ritratt tal-benefattriċi Camilla Cagnani. Kwadri oħrajn narawhom f'San Katald Rabat u f'Santa Barbara, Valletta. Fost pittura ta' persunaġġi magħrufin għandna l-Papa Benedittu XIV (1747) fl-Awla Kapitulari Mdina u kopja oħra fis-sagristija f'San Ġwann; l-isqfijiet Paolo Alpheran de Bussan u Bartolomeo Rull fl-Imdina; kwadri ritratti tal-G.M. Em. Pinto 1747 u ieħor fil-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti, fil-Belt, fejn hemm ukoll il-Balì de Schawenburg 1755 u fost kollox awtoritratt ta' l-istess pittur. Għan-nava ta' quddiem għall-Oratorju ta' San Ġwann pinġa tliet lunetti: lill-G.M. Pierre D'Aubusson jirċievi r-relikwa ta' San Ġwann mingħand l-ambaxxatur tas-Sultan Bajazet, f'Rodi, il-Profanazzjoni tal-qabar ta' San Ġwann minn Ġuljan l-Apostata u s-sejba ta' ras il-Battista. Pitter ukoll persunaġġi u l-ħajja fid-djar Maltin. Diversi kwadri oħra nsibuhom fil-Mużew ta' l-Arti u fi djar u palazzi Maltin. Tajjeb li nfakkru li "The Friends of the Cathedral Museum" fl-1982 tellgħu wirja ta' pitturi u disinni tiegħu fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina. Hemm rajna xogħlijiet f'kollezzjonijiet privati u pubbliċi u apprezzajna ħidmietu. Rajna engraving

tal-G.M. Pinto; San Katald 1760, ritratt tal-Papa Beneditt XIV; Mons. Bartolomeo Rull; Agostino Marchese; u awtoritratt tal-pittur.

**GĦELUQ**

Malta hija xxurtjata li laqgħet fostna lil dawn iż-żewġ artisti kbar li ħallewlna bosta opri sbieħ li għadna ngawduhom sal-lum. Kif rajna l-Floriana gawdiet mill-pnieżel tagħhom imma għandna wkoll ħafna knejjes oħra Maltin.


**Bibljografija**

**Mattia Preti**

1. *Ambasciata d'Italia - Istituto Italiano di Cultura - Malta.*
2. *Memorie Dell'Inclito Ordine Gerosollimitano.* Achille Ferris, 1881.
3. Il-Knisja ta' Sarria - A. Cremona.
4. *XIIIth Council of Europe Exhibition,* Valletta 1970.
5. Librerija Nazzjonali Malta: A.O.M. 1948.
6. Prog. Festa San Publju - Diversi ħarġiet.
7. *Roma-San Andrea del-Valle,* Preti.

**Antoine de Favray**

1. Antoine de Favray (1706-1798). *An Exhibition of Paintings & Drawing. The Friends of the Cathedral Museum. 1982.*
2. *Iconography of the Maltese Islands - Paintings 1400-1900* Mario Buhagiar.
3. Francesco Zahra 1710-1773 Editjat minn J. Azzopardi.
4. Il-Furjana 1998 Nru. 29 - Il-Pittur Antoine de Favray 1706-1798 u l-pittura tiegħu fil-Knisja ta' Manresa fil-Floriana Jos. R. Gatt.
5. *Hospitaller Malta 1530-1798.* Edit. V. Mallia Milanese. 1993.
6. Librerija Nazzjonali Malta Lib. Ms. 658; A.O.M. Ms. 555.



